# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 39**

**Rikors numru 341/17/1 SM**

**Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited (C3540)**

**v.**

**Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u Lloyd's Malta Limited (C24284) u b'digriet tal-24 ta' Mejju 2017 intervenew fil-kawża *in status et terminis* l-Avukat Dottor Paul Cachia u l-Avukat Dottor Philip Sciberras**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ta' Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited, tat-18 ta' April, 2017, li permezz tiegħu ngħad:

> "Illi dan hu rikors skond l-artikolu 64 tal-Kap. 12 ghall-impunjazzjoni ta' taxxa ta' spejjez gudizzjarji emess mir-Registratur tal-Qrati fil-kawza <u>rikors guramentat numru 687/2016 JRM fl-ismijiet: Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited (C3540) vs Lloyd's Malta Limited</u>

(C24284) ceduta fir-registru fid-19 ta' Dicembru 2016 u mnehhija minn fuq il-lista fis-7 ta' Frar 2017.

It-taxxa qeghda tigi hawn annessa u markata bhala dokument 'A'.

Il-motiv tal-impunjazzjoni huwa illi il-kawza kellha tigi intaxxata bhala rezoluzzjoni dwar punt ta' dritt u mhux ad valorem kif giet effettivament intaxxata.

Il-kawza kienet tirrigwarda talba mill-attrici (ir-Rikorrenti odjerna) kontra assikurazzjoni ta' Lloyd's sabiex tigi rovexxjata decizjoni ta' dik l-assikurazzjoni illi tichad *notice of claim* li kienet saret mir-Rikorrenti fuq polza ta' professional indemnity.

It-talba tghid testwalment:

1. *L-avviz tal-claim li inghata fil-11 ta' Mejju 2010 ma kienx tardive, u ghalhekk il-konvenuta Lloyd's Malta Limited bhala rapprezentanti gewwa Malta ta' Lloyd's Syndicate A.G. Dore No. 2526 ma kienitx gustifikata tirripudja il-polza numru NP098033 minnha Assunta, u li l-istess konvenuta hija tenuta taghti kull indennizz li jista' jkun dovut lir-rikorrenti skond tali polza;*

Din it-talba saret fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi. Matul is-sena 2009 ir-Rikorrenti kienet, fil-vesti taghha ta' insurance broker, ottjeniet a favur klienti taghha, Beender Marine Limited, Beender Overseas Limited u Beender Limited (minn hawn l'quddiem riferiti bhala 'Beender') polza t'assikurazzjoni biex tkopri barkun propjeta` ta' Beender li kellu jmur jaghmel xoghol in konnessjni mal-industrija taz-zejt, il-Congo.

Waqt likien hemm il-barkun affonda fil-maltemp. Il-claim li saret Beender mal-assikurazzjoni tal-barkun, ma gietx accettata mill-assikurazzjoni. Bhala rizultat, il-kumpanijji Beender fthu proceduri kontra ir-Rikorrenti odjerna Mediterranean Insurance Brokers Malta Limited, billi ippretendew illi l-kopertura assikurattiva intilfet minhabba zbalji li ghamlet ir-Rikorrenti.

Ir-Rikorrenti kienet inoltrat mal-*professional indemnity underwriters* taghha biex, fl-event li hi tinsab responsabbli ta' xi nuqqas fl-operat taghha u tehel id-danni, hi tigi koperta mill-*professional indemnity cover* li kull broker hu obbligat li jkollu skond il-ligi.

Din il-claim giet michuda mill-*Professional indemnity underwriter* li kien numru ta' sindakati ta' Lloyd's ta' Londra, minhabba (skond Lloyd's) notifika tardiva u ragunijiet ohrajn.

Effettivament ghalhekk il-kawza li dwara qeghda tigi impunjata it-taxxa, infethet qabel ma kien hemm xi kundanna ta' responsabbilta` kontra r-Rikorrenti, u ghalhekk it-talba kienet intiza biss biex

tistabillixxi pozizzjoni legali, u cioe` illi il-claim kienet saret validament u li ma kelliex tigi michuda a priori, kif fil-fatt kienet giet michuda. B'hekk fl-event illi r-Rikorrenti kellha tinstab responsabbli ghad-danni din imbaghad kienet tista titlob indennizz ghal dik is-somma li kienet tehel bhala danni.

Il-kawza ma fiha l-ebda talba ghal xi kundanna ghall-hlas jew likwidazzjoni ta' xi somma. Fiha biss talba biex tirrovexxja ripudjazzjoni.

Dak li ghamel ir-Registratur huwa li ra kopja tal-polza t'assikurazzjoni, u meta ra illi il-maximum cover fuqa kien ta' tliet miljuni w nofs euro, dan intaxxa dik il-kawza ad valorem fuq dik is-somma.

Imma dan hu skorrett. Qabel xejn l-ebda somma ma kienet giet stabbilita bhala dovuta taht il-polza (per di piu, saret transazzjoni ma Beender u fil-fatt ma kien hemm l-ebda kundanna), u stante dik it-transazzjoni ma Beender, din il-kawza ma baqghetx guridikament utili u ghalhekk giet ceduta.

Is-socjeta` Lloyd's Malta Limited qeghda tigi citata ghal kull interess li jista' jkollha, skond kif jitlob l-artikolu 64 fuq citat.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li l-Onorabbli qorti hi mitluba li tordna l-alligazzjoni tal-process numru 687/2016JRM fl-ismijiet: Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited (C3540) vs Lloyd's Malta Limited (C24284) ceduta fir-registru fid-19 ta' Dicembru 2016 u mnehhija minn fuq il-lista fis-7 ta' Frar 2017, hi mitluba sabiex thassar u tirrevoka it-taxxa impunjata billi tiddikjara illi t-taxxa kellha tohrog fuq punt ta' dritt u mhux ad valorem, u ghalhekk tordna lir-Registratur Qrati Civili w Tribunali johrog taxxa gdida fuq il-bazi ta' punt ta' dritt, bl-ispejjez kontra r-Registratur."

2. Rat ir-risposta tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali tal-25 ta' Mejju, 2017, li permezz tagħha eċċepixxa:

"1. Illi l-esponent jibda biex jeccepixxi n-nullita ta' dawn il-proceduri peress li ir-rikorrenti esebiet Taxxa 'come ceduta' u mhux it-taxxa finali tal-kawza bin-numru 687/2016 fl-ismijiet Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd vs Lloyd's Malta Ltd.

2. Illi t-taxxa finali giet mahduma fid-19 ta' April 2017 u mhux fil-15 ta' Dicembru 2016 kif jidher mill-anness dokument Dok Reg 1 li juri li l-ispejjez tal-attur huma anqas minn dawk indikati fid-dokument esebit mir-rikorrent.

3. Illi t-talba fil-kawza 687/2016, kif l-istess rikorrenti indikaw fl-istess kawza (Nru. 687/2016) u cjoe fir-'Raguni Ghat-Talba' kienet

sabiex ir-rikorrenti odjern jigi ndennizzat kontra kull telf rizultanti minn kwalsiasi kundanna ghall-hlas ta' xi danni. Ghalhekk huwa car li din il-kawza tibbazza ruhha fuq valur. Valur li jirrizulta mill-atti tal-istess kawza.

4. Illi hekk qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza **Frances sive Franca Camilleri vs Direttur, Qrati u Tribunali ta' Malta et**', fl-1 ta' Lulju, 2013:

   'Illi huwa minnu li bhala principju stabilit, il-valur ta' kawza jitqies fuq it-talbietu mhux fuq l-interess effettiv tal-atturi, ghalkemm l-interess guridiku ta' parti f'kawza huwa x'aktarx determinant biex wiehed jasal biex jistabilixxi t-taxxa tkunx 'ad valorem' jew dikjarazzjoni';

5. Illi ta' min jghid ukoll li t-Tariffa li tiggwida l-intaxxar tad-dritt tal-avukat f'kawza li fiha tkun inghatat decizjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tghid li dik id-decizjoni tigi ntaxxata *ad valorem* jekk kemm-il darba 'jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process'.[1] Illi f'dan il-kaz jirrizulta mill-process tal-kawza li taghha qed tintalab din ir-ritassa, illi hemm valur determinabbli u kwindi t-taxxa ghandha tkun *ad valorem*.

6. Ilil tajjeb li jinghad ukoll illi l-kawza imsemmija giet ceduta fid-19 ta' Dicembru 2016 u l-partijiet kollha kienu konxji mit-taxxa peres li t-taxxa 'come ceduta' harget fil-15 ta' Dicembru 2016."

3. Rat ir-risposta tal-intervenuti fil-kawża l-Avukat Dottor Paul Cachia u l-Avukat Dottor Philip Sciberras tas-6 ta' Ġunju, 2017, li permezz tagħha esponew:

"Illi, in linea preliminari, is-socjeta` rikorrenti ma ottemperatx ruhha mar-rekwiziti procedurali ta' azzjoni ta' dina x-xorta.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi t-taxxa mahruga mill-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali ghar-rigward tal-kawza bin-numru 687/2016/JRM fl-ismijiet *Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd vs. Lloyd's Malta Ltd* li giet ceduta fid-19 ta' Dicembru 2016 hija korretta u mahruga skond il-ligi.

[1] L-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 fir-rigward tad-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali jghid illi: "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur **determinat jew determinabbli** skont il-ligi jew **mill-process**, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit"

> Illi permezz ta' dik il-kawza s-socjeta` rikorrenti talbet *inter alia* illi '***l-konvenuta hija tenuta taghti kull indennizz li jista' jkun dovut lir-rikorrenti skont tali polza***' liema polza (annessa mar-rikors guramentat 687/2016/JRM) kellha indennizz ta' EUR3,500,000, u ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kienet qed titlob hlas ta' dan l-indennizz minghand il-konvenuta, u kienet tghaddi sabiex tirreklama l-istess indennizz minghand il-konvenuta kieku t-talba gudizzjarja taghha giet milqugha. Ghaldaqstant huwa ovvju illi t-taxxa in kwistjoni kellha tohrog *ad valorem* u mhux kif pretiz mis-socjeta` rikorrenti.
>
> Salvi eccezzjonijiet ulterjuri".

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Novembru, 2018, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi, irrespinġiet kemm l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati, kif ukoll ir-risposti tagħhom fil-mertu; laqgħet it-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti, ħassret u rrevokat it-taxxa mpunjata kif rilaxxata mir-Reġistratur intimat fl-atti tar-Rikors Numru 687/2016; iddikjarat li t-taxxa *de quo* għandha minflok toħroġ fuq punt ta' dritt u mhux *ad valorem*; ordnat lir-Reġistratur intimat sabiex joħroġ taxxa ġdida fuq il-bażi ta' punt ta' dritt; bl-ispejjeż *in solidum* kontra r-Reġistratur intimat u l-intervenuti fil-kawża.

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "13. Illi l-procedura odjerna, sintetikament tirrigwarda kwistjoni jekk it-taxxa rilaxxata mir-Registratur intimat fil-procedura bir-Rikors Numru 687/2016 gietx rilaxxata skont il-ligi;
>
> 14. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni li t-taxxa in kwistjoni ma kelliex tinhadem *ad valorem* izda kellha minflok tinhadem fuq bazi ta' dikjarazzjoni ta' punt ta' dritt;
>
> 15. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni li r-Registratur intimat kellu jikkonsidra x'kien l-oggett tal-kawza;

16. Illi effettivament l-istess socjeta` rikorrenti ssosstni li l-essenza tal-azzjoni introdotta fir-Rikors Numru 687/2016 fuq indikat ma kienitx tirrigwarda hlas jew passagg ta' dritt izda dikjarazzjoni rigwardanti punt ta' dritt senjatament, jekk il-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni kienitx qed tigi interpretata tajjeb mis-socjeta` assikurattiva;

17. Illi r-Registratur intimat jirrispondi li t-talba fil-procedura in kwistjoni kienet titratta valur – liema valur jirrizulta mill-atti tal-kawza;

18. Illi ghalhekkl-istess Registratur isosstni li t-taxxa kellha korrettement tinhadem *ad valorem*, (ara foll 33);

Ikkunsidrat:

**A. Eccezzjonijiet Preliminari:**

19. Illi l-intervenuti fil-kawza preliminarjament jeccepixxu li s-socjeta` rikorrenti m'attemporatx ruhha mar-rekwiziti procedurali necessarjament rikjesti f'azzjoni ta' din ix-xorta, (ara paragrafu numru sitta punt wiehed, (6.1.), aktar qabel u foll 17);

20.0. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta sintetikament is-segwenti:

20.1. Illi kienu l-istess intervenuti li talbu li jintervjenu fil-kawza, (ara foll 9);

20.2. Illi din it-talba taghhom giet milqugha, (ara foll 9 u 10);

20.3. Illi sussegwentement l-istess intervenuti intavolaw ir-risposta taghhom ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 17);

21. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li permezz tar-risposta taghhom riferita fil-paragrafu immedjatament qabel dan l-istess intervenuti fil-kawza effettivament ikkontestaw l-att promotur li ta bidu ghall-procedura odjerna;

22. Illi konsegwentement l-att tan-notifika nnifsu li dwaru l-intervenuti fil-kawza ibbazaw l-eccezzjoni preliminari taghhom isir ghal kollox irrilevanti;

23. Illi ghall-fini tal-process odjern, *stante* li l-intavolar tar-risposta tal-istess intervenuti hi ekwivalenti ghal dikjarazzjoni tal-parti involuta li b'hekk tkun qed taghti ruhha b'notifikata bl-att *de quo*, u dan, fl-ispirtu tal-insenjament tas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell (Superjuri)** fl-ismijiet **Antonietta Vella vs. Kummissarju tal-Artijiet *et***, datata t-**13 ta' Lulju, 2001**;

24. Illi konsegwentement, gialadarba l-intervenuti fil-kawza liberament ghazlu li jirrispondu ghat-talbiet proferiti fil-konfront taghhom, l-istess risposta minnhom inoltrata tigi ekwivalenti ghan-notifika tal-att *de quo*;

25. Illi in vista tas-suespost, l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intervenuti fil-kawza ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

26. Illi r-Registratur intimat jeccepixxi preliminarjament li l-procedura odjerna intavolata mis-socjeta` rikorrenti hi nulla, (ara paragrafu numru erbgha punt wiehed, (4.1.), aktar qabel, u foll 11);

Ikkunsidrat:

27. Illi f'dan ir-rigward l-analisi li trid taghmel il-qorti hu jekk in-nuqqas rimarkat mir-Registratur intimat igibx awtomatikament mieghu n-nullita` tal-att promotur;

28. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 789(1)(c) tal-Kap 12 li jistabbilixxi s-segwenti:

> "L-eccezzjoni ta' nullita` tal-atti gudizzjarji tista' tinghata ...
>
> jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mill-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullita`, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullita`, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat";

29. Illi ghandu jirrizulta pacifiku li fil-procedura odjerna dan il-pregudizzju hemm riferit ma jirrizultax fil-konfront tar-Registratur intimat;

30. Illi ghalhekk, anke din l-eccezzjoni preliminari sollevata mir-Registratur intimat ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

**B. Il-Mertu:**

31. Illi l-procedura odjerna hi azzjoni ta' ritassa *ai termini* tal-artiklu 64 tal-Kap 12;

32. Illi permezz tal-istess is-socjeta` rikorrenti qed titlob li tigi revokata t-taxxa tal-ispejjez gudizzjarji rilaxxata mir-Registratur intimat wara li r-Rikors Numru 687/2016 kien gie cedut;

33. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni li din it-taxxa ma kelliex tinhareg, kif sar, fuq il-bazi *ad valorem* izda fuq il-bazi ta' punt ta' ligi;

Ikkunsidrat:

34. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet ***HSBC Malta p.l.c.* vs. Registratur tal-Qorti u Direttur Generali *et***, deciza fit-**12 ta' Gunju, 2003**, li irriteniet is-segwenti:

> "Illi hu stabilit li t-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hi mharsa mill-principju li wiehed ihares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun inghatat meta s-somma mhix determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wiehed jifhem il-qofol tal-kwistjoni mqanqla bil-process gudizzjarju, u mhux semplicement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali principju mhux wiehed inflessibbli ghaliex hu kwalifikat bil-principju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawza jissejjah "*il complesso del tema contenzioso*" minn fejn wiehed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni;
>
> Illi mill-prattika li ilha mwaqqfa ghal zmien twil, t-tassazzjoni "*ad valorem*" hi ibbazata fuq talbiet li jwasslu ghall-passagg ta' flus jew fondi jew ghat-trasferiment ta' proprjeta` jew jeddijiet marbutin ma' dan. Meta kawza ma taqax f'kategorija bhal dawn li ghadhom kemm issemmew, it-tassazzjoni generalment issir a bazi ta' dikjarazzjoni;"

35. Illi sussegwentement fil-kawza indikata fil-paragrafu precedenti l-istess qorti kompliet bil-mod hawn riprodott:

> "Illi ta' min jghid ukoll li t-Tariffa li tiggwida l-likwidazzjoni ta' dritt dovut lil avukat f'kawza li fiha tkun inghatat decizjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tghid li dik id-decizjoni tigi intaxxata *ad valorem* jekk kemm -il darba "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-ligi **jew mill-process**" (enfasi tal-Qorti). Fil- fehma tal-Qorti, dan ifisser ukoll li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista ssir mhux biss mill-att promotur, imma minn kull taghrif jew prova li tinsab fl-atti";

Ikkunsidrat:

36. Illi applikati s-suddetti principji ghall-procedura in dizamina fejn qed tintalab ritassa, ghandu jkun pacifiku li fil-procedura li fiha inharget it-taxxa in dizamina ma jirrizultax li kien hemm xi passagg ta' flus jew xi trasferiment ta' gid immobbli;

37. Illi minn ezami tal-atti in kwistjoni jirrizulta li l-procedura kkoncernata kienet semplicemnet tirrigwarda dikjarazzjoni fir-rigward tal-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti li l-avviz taghha tal-*claim* jew talba minnha inoltrat ma kienx wiehed tardiv;

38. Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati kollha ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

> 39.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi,"

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-intervenuti fil-kawża l-Avukat Dottor Paul Cachia u l-Avukat Dottor Philip Sciberras, li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 2018, fl-ismijiet premessi u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellanti u tiċħad it-talbiet tas-soċjeta` appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellata.

7. Rat it-tweġiba tal-appell tas-soċjeta` rikorrenti Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited, li permezz tagħha talbet li l-appell jiġi miċħud u s-sentenza tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellanti.

8. Rat li minkejja li l-konvenut Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali kien debitament notifikat, ma ressaq l-ebda risposta.

9. Semgħet it-trattazzjoni li saret da parti tal-appellanti u d-difensur tas-soċjeta` rikorrenti appellata u rat li l-appell ġie differit għas-sentenza.

10. Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkonsidrat:

11. Illi l-azzjoni mressqa mis-soċjeta` rikorrenti appellata hija waħda ta' ritassa tat-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti, dwar il-kawża fl-ismijiet **Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited v. Lloyd's Malta Limited,** ċeduta permezz ta' nota fid-19 ta' Diċembru, 2016, li kienet iġġib referenza 687/2016. Tali azzjoni fejn tiġi attakkata taxxa ta' spejjeż ġudizzjarji, hija kontemplata fl-Artikolu 64 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Fil-fehma tagħha dik il-kawża kellha tiġi ntaxxata bħala reżoluzzjoni ta' punt ta' dritt u mhux *ad valorem.* Dan peress li ssostni li l-imsemmija kawża kienet intiża li tiġi stabbilita pożizzjoni legali, li *claim* magħmula minnha mal-*Professional Indemnity Underwriter* saret validament u ma kellhiex tiġi miċħuda minn qabel, kif fil-fatt ġiet miċħuda. Wara kollox, tisħaq li l-kawża ma kien fiha l-ebda talba għal xi kundanna għall-ħlas jew likwidazzjoni ta' xi somma, iżda fiha biss talba sabiex tirrovexxja ripudjazzjoni. Fil-fehma tagħha r-Reġistratur żbalja meta ra kopja tal-assikurazzjoni u uża l-*maximum cover* fuqha ta' tliet miljuni u nofs ewro u ntaxxa dik il-kawża *ad valorem* fuq dik is-somma. Għalhekk saret il-kawża odjerna sabiex ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali jiġi ordnat sabiex joħroġ taxxa ġdida fuq bażi ta' punt ta' dritt, bl-ispejjeż kontra r-Reġistratur.

12. Ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ressaq numru ta' eċċezzjonijiet fil-konfront tat-talba tar-rikorrenti : (i) in-nullita` tal-proċeduri peress li r-rikorrenti esebiet taxxa "come ceduta" u mhux taxxa finali tal-kawża bin-numru 687/2016; (ii) illi t-taxxa finali nħadmet fid-19 ta' April 2017 u mhux fil-15 ta' Diċembru, 2016 kif jidher mid-dokument anness mar-rikors promotur; (iii) illi t-talba fir-rikors 687/2016 kienet sabiex ir-rikorrenti tiġi ndennizzata kontra kull telf riżultanti minn kwalsiasi kundanna għall-ħlas ta' xi danni u għalhekk huwa ċar li din il-kawża tibbaża ruħha fuq valur, valur li jirriżulta mill-atti tal-istess kawża; (iv) it-Tariffa li tiggwida l-intaxxar tad-dritt tal-avukat f'kawża li fiha tkun ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tipprovdi li deċiżjoni tiġi ntaxxata *ad valorem* jekk kemm-il darba "*jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess*" u proprju f'dan il-każ li fiha qed tintalab ir-ritassa, kien hemm valur determinabbli, kwindi t-taxxa kellha tkun *ad valorem;* (v) il-kawża msemmija ġiet ċeduta fid-19 ta' Diċembru, 2016 u l-partijiet kollha kienu konxji mit-taxxa peress li t-taxxa "*come ceduta*" ħarġet fil-15 ta' Diċembru, 2016.

13. L-intervenuti fil-kawża wieġbu: (i) preliminarjament li s-soċjeta` rikorrenti ma ottemperatx ruħha mar-rekwiżiti proċedurali ta' azzjoni ta' din ix-xorta; (ii) fil-mertu jikkontendu li t-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti huma nfondati peress li t-taxxa in kwistjoni hija korretta u nħarġet skont il-liġi.

14. L-ewwel Qorti filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati, kemm dawk preliminari, kif ukoll dawk fil-mertu, laqgħet it-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti u ordnat li titħassar u tiġi revokata t-taxxa mpunjata rilaxxata mir-Reġistratur intimat u ddikjarat li t-taxxa għandha minflok toħroġ fuq punt ta' dritt u ordnat lir-Reġistratur joħroġ taxxa ġdida fuq il-bażi ta' punt ta' dritt. Bl-ispejjeż kontra l-intimat u l-intervenuti fil-kawża *in solidum* bejniethom.

15. L-intervenuti fil-kawża ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u interponew appell minnha, li jissejjes fuq tliet aggravji:

(i) l-ewwel Qorti żbaljat meta ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tagħhom li s-soċjeta` rikorrenti ma ottemperatx ruħha mar-rekwiżiti proċedurali ta' azzjoni bħalma hija dik ta' ritassa u dan b'referenza għall-Artikolu 64(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) li t-taxxa mpunjata għar-rigward tal-kawża numru 687/2016 fl-ismijiet **Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited v. Lloyd's Malta Limited,** kienet maħduma korrettement *ad valorem* u ma kellhiex tinħadem fuq punt ta' dritt kif ritenut mill-ewwel Qorti, tant li t-talba f'dik il-kawża kienet *"l-konvenuta hija tenuta tagħti kull indennizz li jista' jkun dovut lir-rikorrenti skont tali polza",* liema indennizz kien fl-ammont ta' €3,500,000, kif jirriżulta mhux biss mill-proċess iżda wkoll mir-rikors

ġuramentat. Fil-fehma tal-appellanti huwa evidenti li l-kontestazzjoni bejn il-partijiet f'dik il-kawża kienet jekk is-soċjeta` rikorrenti bħala attriċi, kenitx intitolata għal indennizz ta' €3,500,000 taħt il-polza, jew jekk is-soċjeta` konvenuta kellhiex raġuni valida sabiex ma tħallasx l-indennizz minħabba ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza; u

(iii) l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkundannat lill-avukati intervenuti fil-kawża, illum appellanti, iħallsu l-ispejjeż *in solidum* mar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali.

16. Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju tal-appellanti. Għalkemm huwa minnu li kienu l-avukati appellanti li ntervenew fil-kawża minn jeddhom u li l-prokuraturi legali ma ġewx inklużi fil-proċeduri, la bħala konvenuti u lanqas bħala msejħa fil-kawża, dan il-fatt fih innifsu m'għandux iwassal għan-nullita` tal-proċeduri odjerni. Tabilħaqq l-Artikolu 64 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi:

> *"(2) Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta."*

Ċertament azzjoni għar-ritassa trid bilfors il-preżenza tar-Reġistratur tal-Qorti in kwantu dan huwa neċessarjament parti nteressata, kif jissemma fis-subinċiż (2) tal-Artikolu 64 fuq imsemmi, fis-sens li permezz tal-proċeduri ta' ritassa jkun qiegħed jiġi attakkat il-metodu ta' kif l-istess

Reġistratur ikun ħadem id-drittijiet dovuti lill-partijiet fil-kawża, inkluż id-difensuri tagħhom.

17. Fil-fehma ta' din il-Qorti, is-soċjeta` rikorrenti appellata ottemperat ruħha mal-proċedura stabbilita meta ħarrket lir-Reġistratur, u żbaljat meta naqset milli tinnotifika wkoll lid-difensuri tal-kontro-parti, inkluż il-prokuraturi legali li ċertament għandhom interess fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri. Dan in-nuqqas ġie parzjalment sorvolat meta l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tad-difensuri sabiex jintervjenu fil-kawża, li ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom għall-pretensjonijiet tas-soċjeta` rikorrenti appellata u għalhekk ma sofrew l-ebda preġudizzju. Fil-verita`, din il-Qorti taqbel mas-soċjeta` rikorrenti appellata, meta fir-risposta tagħha tikkontendi li tali nullita` mressqa mid-difensuri ntervenuti fil-kawża mhix nullita` maħsuba fil-liġi. Dan apparti li huwa ritenut li l-istess prokuraturi legali huma ben konsapevoli tal-proċeduri odjerni, tant li l-prokuraturi legali li ffirmaw l-atti tar-rikors li jġib in-numru ta' referenza 687/2016, huma l-istess prokuraturi legali li ffirmaw l-atti mressqa mill-kontendenti fil-kawża f'dawn il-proċeduri u għalhekk setgħu huma wkoll faċilment jitolbu li jintervjenu fil-kawża odjerna. F'dan is-sens ukoll tibqa' relevanti s-sentenza ta' din il-Qorti (**Vella v. Kummissarju tal-Artijiet et**) ċitata mill-ewwel Qorti. Isegwi li din il-Qorti taqbel ma' dik ta' qabilha sa fejn iddeċidiet li din l-eċċezzjoni preliminari tal-intervenuti fil-kawża ma kellhiex tiġi milqugħa.

18. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju tal-appellanti, dak fejn jilmentaw li l-ewwel Qorti naqset milli tindirizza l-pożizzjoni tagħhom li t-talba attriċi fil-proċeduri li jġibu referenza 687/2016, ma kenitx sempliċement ta' natura dikjaratorja dwar kif għandha tiġi nterpretata l-polza tal-assigurazzjoni, iżda t-talba tagħha kienet tinkludi fost affarijiet oħra li: "*li l-istess konvenuta hija tenuta tagħti kull indenniz li jista' jkun dovut lir-rikorrenti skond tali polza.*" Fil-fatt jingħad li fl-istess rikors promotur kien hemm speċifikat li l-indennizz kien ta' : *"Limits of Indemnity for MIB: Euro 3,500,000 any one claim and in the annual aggregate plus costs and expenses as defined in the policy subject to a maximum of 25% of the Limit of Indemnity.",* kif wara kollox jirriżulta mill-polza tal-assigurazzjoni annessa mal-istess rikors promotur. Ġaladarba l-polza kienet tipprovdi għal indennizz ta' €3,500,000, hija l-fehma tal-appellanti li t-taxxa kellha toħroġ *ad valorem* u mhux kif pretiz mis-soċjeta` appellata. Fil-fehma tal-appellanti huwa evidenti li l-kontestazzjoni f'dik il-kawża kienet jekk effettivament is-soċjeta` appellata kinitx intitolata għal indennizz ta' €3,500,000. Filwaqt li jagħmlu referenza estensiva għall-ġurisprudenza fir-rigward, jikkontendu li kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta ddeċidiet li l-azzjoni kienet waħda dikjaratorja, in kwantu qalet li ma kien hemm ebda passaġġ ta' flus jew trasferiment ta' ġid immobbli, peress li l-għan aħħari f'dik il-kawża, kien dak li s-soċjeta` appellata teżiġi l-ħlas tal-indennizz ta' €3,500,000 u għalhekk jisħqu li r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

ħadem it-taxxa sew meta ddeċieda li kellu japplika l-Artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12, fejn il-ħlas isir fuq bażi ta' valur.

19. Jeħtieġ li jiġi eżaminat l-paragrafu relevanti tat-Tariffa E li jirregola l-intaxxar ta' drittijiet li jitħallsu lill-avukati sabiex wieħed jara sew il-pożizzjoni legali:

> "*14. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat, jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabilit."*

Relevanti wkoll f'dan il-kuntest hija l-ġurisprudenza dwar il-materja in eżami. Fis-sentenza ta' din il-Qorti (sede inferjuri) tal-15 ta' Lulju, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Avukat Dottor Carmelo Galea v. Silvio Zammit et,** ingħad:

> *"... **t-tassazzjoni ta' kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, mhux fis-sens limitat ghas-semplici inkartament, izda fis-sens ta' l-oggett taghha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni ta' l-istess kawza, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu proposti jkunux akkolti jew michuda**" ("Avv. Dr. Giuseppe Pace et -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Ottubru, 1948). Ugwalment, gie ritenut illi "meta l-massa litiguza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem "Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951). Dejjem fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "Leslie Grech nomine -vs- Frank Abela et", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Jannar, 2002 u "Loris Bianchi et -vs- Dottor Victor Borg Costanzi nomine", Appell Civili, 17 ta' April, 1978;"* (enfasi ta' din il-Qorti)

Filwaqt li fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-1 ta' Lulju, 2013, fil-kawża fl-ismijiet **Frances *sive* Franca Camilleri v. Direttur Qrati u Tribunali ta' Malta**, ngħad ukoll:

> *"Illi fid-dritt huwa stabilit li t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji hija mħarsa mill-prinċipju li wieħed iħares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun ingħatat meta s-somma m'hijiex determinabbli mit-talba. **Bil-kelma "talba" wieħed jifhem il-qofol tal-kwestjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali prinċipju m'huwiex wieħed inflessibbli għaliex huwa kwalifikat bil-prinċipju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawża jissejjaħ "il complesso del tema contenzioso" minn fejn wieħed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni**";* (enfasi ta' din il-Qorti)

20. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, titqies relevanti x-xhieda ta' Emanuel Sciriha, li kien jokkupa l-kariga ta' Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali li xehed f'dan ir-rigward: *"Ir-rikorrenti kien qed jitlob li jigi indennizzat ghal hsarat kollha sofferti. Meta gejt biex naffettwa t-taxxa mertu tal-kawza originali rajt l-interess tal-attur x'kien f'dik il-kawza u indeniz li kien qed jintalab kien ta' xi tlett miljuni u nofs (3,500,000) u jien ghalhekk hrigt taxxa fuq dan il-valur. L-ammont ta' tlett miljuni u nofs (3,500,000) tirrizulta mill-istess atti tal-kawza fl-ismijiet: Mediterranean Insurance Brokers Malta Limited kontra Lloyd's Malta Limited Rikors Numru 687/2016."* In kontro-eżami jkompli jixhed hekk: *"Mistoqsi jekk fit-talba tal-kawża oriġinali ma hemm indikat l-ebda ammont nghid u dan anke b'referenza għat-talba likwidazzjoni ninforma l-Qorti li ma hemm l-ebda talba ghal likwidazzjoni pero` hemm indikat li l-konvenut jigi tenut li*

*jaghti kull indennizz li jista' jkun kundannat ghalih. Mistoqsi jekk ezaminajtx il-premessi tal-kawza in dizamina nghid iva. Mistoqsi jekk meta wiehed jezamina l-premessi nkluzi l-kawza originali flimkien mat-talbiet hemm annessi wiehed kien qed jigi mitlub jara biss id-dikjarazzjoni ndikata fl-istess nghid li jekk wiehed jezamina l-premessi li waslu ghat-talbiet konsegwenzjali ghalihom dawn kienu jaghtu rizultat li l-intimat ihallas tlett miljuni u nofs (3,500,000). Mistoqsi li effettivament qabel wiehed jghaddi ghal konkluzjoni simili ried ikun hemm l-ewwel decizjoni fil-konfront tas-soċjeta` Mediterranean Insurance Brokers Limited li tigi kundannata thallas tlett miljuni u nofs (3,500,000) nghid li l-fatt hu li l-kawza saret u t-talba kontenuta fiha kienet wahda cara."*

21. Tabilħaqq din il-Qorti wkoll tqis li l-każ huwa wieħed ċar, fejn kunsidrat li fil-kawża li ġġib referenza 687/2016 kien *inter alia* qiegħed jintalab "*li l-istess konvenuta hija tenuta tagħti kull indenniz li jista' jkun dovut lir-rikorrenti skond tali polza."* Kif ukoll, tenut kont tal-fatt li fl-istess rikors promotur f'dik il-kawża kien qiegħed jiġi dikjarat li l-limitu tal-kumpens kien dak ta' €3,500,000, magħdud ukoll mal-fatt li l-istess soċjeta` Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited kienet rinfaċċata b'kawża li jeċċedi dak l-ammont, tant li kienet kawtelata b'mandat ta' sekwestru għas-somma ta' €10,000,000 kontriha, tqis li r-Reġistratur għamel sew meta ħadem it-taxxa fuq bażi *ad valorem.* Dan jingħad prinċipalment peress li l-pretensjonijiet tas-soċjeta` attriċi f'dik il-

kawża kienu jirriżultaw evidenti kemm mir-rikors promotur, kif ukoll skont il-polza tal-assigurazzjoni hemm annessa.

22. Din il-Qorti ma taqbilx mas-soċjeta` rikorrenti appellata meta jingħad minnha li t-taxxa kellha tinħadem fuq punt ta' dritt, in kwantu r-rikors ġuramentat qiegħed jingħata tifsira mill-appellanti li qatt ma kellu, u li qegħdin jagħtu wkoll interpretazzjoni żbaljata tal-liġi (paragrafu 14 tat-Tariffa E). Għalkemm huwa minnu li kif jingħad mill-appellata, mhux kull dikjarazzjoni li tirrigwarda xi ħaġa li għandha xi valur, għandha tinġabar taħt dan il-paragrafu, din il-Qorti ma taqbilx magħha li n-natura tal-kawża mressqa minnha kienet waħda purament ta' natura dikjaratorja, fejn il-Qorti kienet qegħda sempliċement tintalab li l-assigurazzjoni tiġi mġegħla treġġa' lura d-deċiżjoni tagħha u li tirtira r-rifjut tagħha li tkompli tipproċessa l-*claim* li saritilha skont il-polza, tant li kif ingħad qabel, intalab ukoll *"li l-istess konvenuta hija tenuta tagħti kull indennizz li jista' jkun dovut lir-rikorrenti skond tali polza."* Dan intalab mis-soċjeta` attriċi appellata b'rabta diretta mal-kawża li kienet iġġib referenza 680/2011, fil-kawża fl-ismijiet **Beender Marine Limited et v. Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited** (li wkoll ġiet eventwalment ċeduta). Minn dan isegwi li l-interess tas-soċjeta` appellata ma kienx sempliċement dikjarazzjoni li hija ma kisritx il-kundizzjonijiet tal-polza, u li għalhekk il-polza għadha viġenti, iżda f'każ li tingħata raġun, dan ir-raġun jissarraf f'kumpens effettiv. Kwindi altru li l-oġġett ta' dik il-kawża ma

kienx wieħed dikjaratorju, iżda effettivament seta' jwassal għall-kundanna ta' ħlas taħt il-polza tal-assigurazzjoni sal-valur ta' €3,500,000.

23. Kif ingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fi-sentenza tagħha tal-25 ta' Jannar, 2002, fil-kawża fl-ismijiet **Avukat Leslie Grech *nomine* v. Frank Abela et:**

> "...*issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Frar 1935 fil-kawza fl-ismijiet Salvatore Tonna vs Edgardo Staines noe et (Vol. XXIX.ii.357) fejn il-Qorti qalet: "…fl-azzjonijiet li ghandhom bi skop taghhom il-pagament ta' somma ta' flus, it-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija regolata fuq id-domanda, u fuq l-ottenut jekk l-ammontar ma jigix determinat bid-domanda (Musu` vs Notaro Micallef noe: Collezione, Volum XVII, Parti ii, pagna 123);*
>
> *Illi pero` l-kelma 'domanda' jista' jkollha zewg sijifikati. Difatti, kif jispjega l-Mortara fil-kumment tad-dispozizzjoni tal-Kodici Taljan (li tghid 'il valore della causa l determina dalla domanda'): 'questa formola della legga puo` essere interpretata in due sensi, secodnocche` per 'domanda' si intende soltanto la 'pretesa' che l'attore deduce nella sua citazione ovvero il 'complesso' della controversia su cui il magistrato e' invitato a proncuniare la sentenza' (Volum II, pagna 37)'. U aktar tard l-istess awtur ighid (idem pagna 94): 'in questo senso la regola che il valore della causa si determina dalla domanda va riferito non piu` all'istanza proposta dall'attore con la citazione, ma a quella che viene chiamata da alcuni la massa litigiosa, ossia il complesso del tema contenzioso, sviluppatosi e formato integralmente nel corso del processo; …;*
>
> *Illi, fl-opinjoni ta' dina l-Qorti, il-kelma 'domanda', biex jigi rispettat dana l-principju infurmatur tat-tassazzjoni, ghandha tigi f'kaz simili intiza mhux biss ghac-citazzjoni, vera u proprja, imma anki ghall-kontenut ta' skrittura prezentata fil-korp tal-proceduri, li biha l-attur jiddetermina d-domanda; …;"*

Applikat l-istess prinċipju għall-każ in eżami, id-domanda attriċi fil-kawża li ġġib referenza 687/2016, ma kenitx sempliċement waħda fejn jiġi deċiż

punt ta' dritt dwar jekk il-polza tal-assigurazzjoni kenitx qegħda tiġi nterpretata tajjeb, iżda wkoll li l-konvenuta tiġi effettivament ordnata tħallas kumpens skont l-istess polza tal-assigurazzjoni. Għalhekk ir-Reġistratur għamel sew meta ħadem it-taxxa fuq il-bażi *ad valorem* u dan l-aggravju tal-appellanti jimmerita li jintlaqa'.

24. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju, dak dwar il-kap tal-ispejjeż. Hawn ukoll din il-Qorti tqis li l-appellanti għandhom raġun f'dan l-aggravju tagħhom, mhux biss minħabba li qiegħed jintlaqa' t-tieni aggravju tagħhom, iżda wkoll peress li l-istess appellanti ma kellhom l-ebda rwol fil-komputazzjoni tat-taxxa kkontestata, li nħadmet mill-konvenut Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali. Fil-każ in eżami ma jirriżultax li kien hemm xi raġuni għala l-intervenuti fil-kawża kellhom jassumu r-responsabbilta` għal kif inħadmet it-taxxa. Anzi fid-dawl tal-fatt li qiegħed jiġi deċiż li r-Reġistratur tal-Qorti ħadem it-taxxa sew, skont kif tipprovdi l-liġi, tqis li jkun xieraq li jiġi varjat ukoll il-kap dwar il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-intervenuti fil-kawża l-Avukat Dottor Paul Cachia u l-Avukat Dottor Philip Sciberras billi <u>tilqa'</u> l-istess *in parte*, u filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-

Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Novembru, 2018, fl-ismijiet premessi sa fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari, tirrevoka, tannulla u tħassarha fil-bqija, u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-appellanti ntervenuti fil-kawża.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu in kwantu għal terz mill-intervenuti fil-kawża u żewġ terzi mis-soċjeta` rikorrenti appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr